

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/390**tal-10 ta' Marzu 2020****li jemenda għat-312-il darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjoni Al-Qaida**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjoni Al-Qaida ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1)(a) u l-Artikolu 7a(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dak ir-Regolament.
- (2) Fl-4 ta' Marzu 2020, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jżid tliet entrati mal-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li fuqhom jenħtieġ li japplika l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi.
- (3) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jiġi emendat skont dan.
- (4) Sabiex ikun żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, jenħtieġ li dan jidħol fis-seħħ immedjatament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Marzu 2020.

*Għall-Kummissjoni**Fisem il-President**Id-Direttur Ġenerali**Id-Direttorat Ġenerali għall-Istabilità Finanzjarja, is-Servizzi Finanzjarji u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali*

⁽¹⁾ ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.

ANNEX

Fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002, l-entrati li ġejjin jiżiedu taħt l-intestatura "Persuni ġuridiċi, gruppi u entitajiet":

- (1) "Jamaah Ansharut Daulah (*pseudonimu*: (a) Jemaah Anshorut Daulah; (b) Jamaah Ansharut Daulat. Informazzjoni oħra: stabbilit fl-2015 bħala grupp kumplessiv tal-gruppi estremisti Indoneżjani li wegħdu lealtà lejn Abu Bakr al-Baghdadi li dak iż-żmien kien il-mexxej tal-ISIL. Assoċjat mal-Islamic State in Iraq and the Levant, elenkat bħala Al-Qaida in Iraq (QDe.115). Id-data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 7e(e): 04.03.2020."
 - (2) "Islamic State in Iraq and the Levant – Libya (الدولة الإسلامية في العراق والشام – ليبيا) (*pseudonimu*: (a) Islamic state of Iraq and the Levant in Libya; (b) Wilayat Barqa; (c) Wilayat Fezzan; (d) Wilayat Tripolitania; (e) Wilayat Tarablus; (f) Wilayat Al-Tarablus. Informazzjoni oħra: issawwar f'Novembru 2014 meta tħabbar minn Abu Bakr Al-Baghdadi, elenkat bħala Ibrahim Awwad Ibrahim Ali Al-Badri Al-Samarrai (QDi.299). Assoċjat mal-Islamic State in Iraq and the Levant, elenkat bħala Al-Qaida in Iraq (QDe.115). Id-data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 7e(e): 04.03.2020."
 - (3) "Islamic State in Iraq and the Levant – Yemen (kitba oriġinali: الدولة الإسلامية في العراق والشام – اليمن) (*pseudonimu*: (a) Islamic State of Iraq and the Levant of Yemen; (b) Islamic State in Yemen; (c) ISIL in Yemen; (d) ISIS in Yemen; (e) Wilayat al-Yemen, Province of Yemen. Informazzjoni oħra: issawwar f'Novembru 2014 meta ġew aċċettati ġuramenti ta' lealtà minn Abu Bakr Al-Baghdadi, elenkat bħala Ibrahim Awwad Ibrahim Ali Al-Badri Al-Samarrai (QDi.299). Assoċjat mal-Islamic State in Iraq and the Levant, elenkat bħala Al-Qaida in Iraq (QDe.115). Id-data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 7e(e): 04.03.2020."
-